# Il-Ħadd 29.11.2015

1. Illum, 29/11, **L-Ewwel Ħadd tal-Avvent**:-
   - Fit-8:15am - Quddiesa li fiha jsir it-Tberik tal-Girlanda li ser tgħinna biex nippreparaw ruħna għall-Miġja ta' Ġesù.

2. L-Erbgħa 2/12:-
   - Mill-5:15pm sas-6:00pm jiltaqa' l-Kor 'Kreattiv' ħalli jagħti sehemu fl-attivitajiet tal-Milied. Nistiednu lit-tfal, minn Yr 3 'l fuq, biex jiġu hawn il-knisja f'dan il-ħin.
   - Bejn is-7:00pm u s-7:30pm - L-aħħar sessjoni ta' taħriġ għal-letturi tal-quddies immexxija mis-Sur Anton Farrugia, xandar fuq Campus FM.

3. Il-Ħamis 3/12:-
   - Jum ta' Talb għall-Vokazzjonijiet fis-Seminarju tal-Virtù, r-Rabat. Jibda b'quddiesa fid-9:30am u fis-6:30pm ikun hemm adorazzjoni u quddiesa mas-seminaristi.

4. Il-Ġimgħa 4/12, l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar:-
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Wara l-Quddiesa tas-6:30pm ikollna nofs siegħa Adorazzjoni.
   - Fis-6:00pm - L-Ewwel Sessjoni tal-Konferenza bit-tema **Laudato Si': mid-Dokument għall-Azzjoni**, organizzata mill-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent ġewwa l-Istitut Kattoliku l-Furjana. Kulħadd mistieden.

5. Is-Sibt 5/12:-
   - Fid-9:00am - It-Tieni Sessjoni tal-Konferenza **Laudato Si': mid-Dokument għall-Azzjoni**, ġewwa l-Kurja tal-Isqof, ir-Rabat Għawdex.

6. Il-Ħadd 6/12, **it-Tieni Ħadd tal-Avvent**:-
   - Il-ġabra fil-quddies tkun għall-manutensjoni tal-knisja u r-restawr tal-bankun u n-niċċa ta' San Pawl.
   - Fejn il-bieb tal-knisja ser ikun hemm min qed ibiegħ ponsjetti u biljetti ta' lotterija li ser tittella' qrib il-Milied u li hi bl-istess għan.
   - Fis-2:00pm - Ser issir mixja ta' manifestazzjoni favur il-ħajja umana sa' mill-konċepiment fil-Belt Valletta organizzata mill-*LifeNetwork Malta*: tibda minn quddiem Kastilja sa' quddiem il-Parlament il-ġdid. Tindirizza l-folla mara li salvat mill-abort.

7. Avviżi oħra:
   - L-Appostolat ta' Talb qed jipprovdilna fuljett li jkun fih il-fehmiet tal-Papa u tal-Isqfijiet tagħna għas-sena 2016, liema intenzjonijiet jagħtuhomlna sabiex noffru t-talb u s-sagrifiċċji tagħna matul id-diversi xhur tas-sena. Dawn il-fuljetti tistgħu tiġbruhom mis-Sagristija u tħallu offerta ta' 50c. B'hekk turi li trid tkun parti minn din il-katina ta' talb mad-dinja kollha.